## Proġetti fil-Każin

- Kif forsi ħafna minnkom jafu, matul din is-sena s-Soċjetà nidiet il-Proġett ghat-tisbieh tal-Każin li fost affarijiet ohra jinkludi:
- Restawr u Manutenzjoni tas-Swali;
- Arredament kif jixraq ta' l-istess Swali;
- Titwaħħal l-Istatwa tal-Gran Mastru Pinto mal-faċċata.

Il-ħsieb huwa li dawn il-proġetti jitlestew sa meta s-Soċjetà taghna tiċċelebra l-150 sena, jiġifieri fis-sena 2012. Kif wiehed jista' jobsor ukoll il-finanzi li ghandu bżonn il-Kumitat biex itemm dawn il-proġetti huma kbar ħafna u ghalhekk il-Kumitat hass il-htieġa li jniedi diversi skemi ta' ġbir kif ġej:

Ġbir ta' €10 – din l-iskema ta' ġbir ġiet imnedija fl-Ghid u ser tibqa' miftuha sakemm jintemmu l-proġetti kollha. Permezz ta' din l-iskema kull min jaghti donazzjoni ismu jitniżżel fuq board li hemm imwaħhal apposta l-Każin;

Ġbir ta' €5 fix-xahar – din l-iskema hija miftuha ghal dawk kollha li jixtiequ li tul dan il-perjodu (sakemm jintemmu l-proġetti kollha) jikkommettu ruhhom li jaghtu din id-donazzjoni kull xahar. Il-kolletturi min-naha tal-Każin huma Vince Gatt u Jason Gatt, ghalhekk kull min jixtieq li jidhol f'din l-iskema jista' javviċina lil wiehed minn dawn;

Il-Każin ukoll qed jitlob lil numru ta' entitajiet/kumpaniji, sabiex jisponsorjaw il-manutenzjoni u l-arredament tas-swali. Il-każin qieghed jintrabat li meta tkun lesta Sala partikolari titwaħħal plakka li tkun tindika li dik is-Sala ġiet irranġata mill-Kumpanija Partikolari bhala parti mill-proġett biex jiġi msebbah il-partimonju li hallewlna missirijietna.

**Ghaldaqstant il-Kumitat qiegħed iħeġġeġ lil kull minn jixtieq li jipparteċipa f'xi waħda minn dawn l-iskemi sabiex javviċina lil xi membru tal-Kumitat u jiġi ggwidat x'għandu jagħmel.**

**IL-PRESIDENT U L-KUMITAT jixtiequ jfakkruk li**

**7 ta' Ġunju 2008 – TBERIK TAL-KAŻIN**
Fis-7.30pm Fr Karl Sultana (Direttur Spiritwali) ser ibierek il-Każin – L-attendenza taghkom tkun apprezzata.

**11 ta' Lulju 2008** – ssir il-GET-TOGETHER ghas-Soċi u l-Bandisti minhabba li d-dhul ghal din l-attività huwa bil-biljetti, kull minn hu ntitolat huwa mitlub li jikseb il-biljetti minghand l-Assistent Kaxxiet Vince Gatt sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju 2008.

NOTA IMPORTANTI

***Jekk inti tixtieq li tibda tirċevi dettalji rigward l-attivitajiet li jkunu ser jiġu organizzati permezz ta' SMS mitlub li timla din il-parti t'isfel u tgħaddiha lis-Segretarju:***

***Jiena*** *nixtieq li tibdew tibagħtuli updates fuq il-mobile number.* **Firma**

Design Best Print Co. Ltd. • Tel: 21 680 789


# tal-Qalba

Gazzetta ghas-soċi u l-bandisti

Mahruġa mis-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan - Harga Numru 1, Ġunju 2008





Kif diġà kellna l-opportunità li ninfurmaw, wara s-Seduta Ġenerali li saret f'Marzu, il-Kumitat ħaseb sabiex johloq din iċ-ċirkulari biex b'hekk jinżamm kuntatt bejn l-istess Kumitat, is-Soċi u l-Bandisti. L-Iskop ta' din iċ-ċirkulari huwa li permezz ta' din iċ-ċirkolari nibdew nghaddu informazzjoni rigward dak li jkun se jiġi organizzat fil-Każin fix-xhur li jkunu ġejjin.

Il-ħsieb huwa li din iċ-ċirkolari tibda tohroġ b'mod regolari erba' darbiet fis-sena:- Ġunju, Settembru, Diċembru u Marzu, u d-dettalji jkunu jkopru attivitajiet li jkunu ser isiru minn perjodu sa iehor.

Din iċ-ċirkolari wkoll ser ikollha skop informattiv u minn żmien ghal iehor ser nibdew nippubblikaw avviżi kemm minn naha tal-kumitat kif ukoll minn membri tal-Kummissjonijiet javżaw fuq attiviatjiet importanti li jkunu sejrin isiru.

Biex nilhqu aktar lis-Soċi u l-Bandisti taghna, il-Kumitat haseb ukoll biex jaġġorna l-website tal-Każin sabiex tkun aktar attrajenti u tilhaq l-iskop porpju taghha, u taghti stampa ta' kull ma jkun qieghed isir fil-każin.

Nixtiequ wkoll li dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni, ma jkunux biss ġejjin minn naha tal-Kumitat biss, imma jkunu mezzi interattivi bejn il-Kumitat is-Soċi u l-Bandisti, u ghalhekk nippretendu li mhux il-Kumitat biss jghaddi l-informazzjoni imma jkun hemm kontribut minn kulhadd sabiex kemm din iċ-Ċirkolari kif ukoll il-website jilhqu l-iskop aħhari taghhom … komunikazzjoni bejnietna.

Jekk inti tkun trid b'xi mod tikkontribwixxi nitolbok sabiex tikkuntatja lis-Segretarju permezz tal-Posta normali fuq l-Indirizz

*Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan, 77 Triq San Sebastjan Hal Qormi QRM2330* jew permezz tal-posta elettronika fuq *qalbisti@gmail.com.*

# Attivitajiet mis-Soċjetà bejn Ġunju – Settembru 2008

## Ġunju

| | |
|---|---|
| 5 ta' Ġunju | Tifkira tal-146 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà fis-7.30pm programm mill-Brass Band quddiem il-Każin |
| 7 ta' Ġunju | Filgħaxija, tberik tal-Każin |
| 8 ta' Ġunju | Marċ u Programm San Filep Ħaż-Żebbuġ |
| 20 ta' Ġunju | 80's Night fil-Każin ma' Alex (reflex) Grech |

## Lulju

| | |
|---|---|
| 11 ta' Lulju | Get-Together għas-Soċi u l-Bandisti fil-Każin |
| 12 ta' Lulju | Il-Banda Ingliża mistiedna tas-Soċjetà tagħna tagħmel programm waqt il-lejla Qormija li ssir fuq iz-zuntier; |
| 13 ta' Lulju | Quddiesa tal-ftuħ tal-Festa minn Fr Karl Sultana |
| 14 ta' Lulju | Festa San Bastjan 8.00 marċ tal-Ħruġ tal-Vara mill-Banda tagħna |
| 15 ta' Lulju | Festa San Bastjan 8.30 marċ mill-Banda San Leonardu |
| 16 ta' Lulju | Festa San Bastjan 8.30 marċ mill-Banda Imperial |
| 17 ta' Lulju | Festa San Bastjan 8.30 marċ mill-Banda San Mikiel |
| 18 ta' Lulju | Festa San Bastjan 8.30 marċ ta' l-aħħar tridu mill-Banda tagħna |
| 19 ta' Lulju | Programm ta' Lejlet il-Festa quddiem il-Każin |
| 20 ta' Lulju | Jum il-Festa, fl-10.30 marċ tradizzjonali tal-Ħadd filgħodu mill-Banda tagħna, filgħaxija Purċissjoni bl-istatwa ta' San Sebastjan, akkumpanjata mill-Banda Maria Mater Gratiae, u l-Banda Victory tan-Naxxar. Il-Banda San Filep tagħmel marċ qasir u tkompli bi programm quddiem il-Każin. |
| 27 ta' Lulju | Filgħodu – marċ għall-Festa tal-Madonna tad-Duluri San Pawl il-Baħar |

## Awissu

| | |
|---|---|
| 1 ta' Awissu | Filgħaxija – marċ fil-Festa ta' San Duminku l-Belt |
| 3 ta' Awissu | Filgħodu – marċ għall-Festa ta' San Ġużepp il-Qala Għawdex. Tiġi organizzata Private għal dawk li jixtiequ jingħaqdu magħna f'din il-ġurnata. |
| 14 ta' Awissu | BBQ f'post fejn inkunu nistgħu nsegwu n-Nar ta' Santa Marija |
| 23 ta' Awissu | BBQ |

## Settembru

| | |
|---|---|
| 6 ta' Settembru | BBQ |
| 8 ta' Settembru | filgħaxija marċ u programm għall-Festa ta' Marija Bambina l-Mellieħa |
| 13 ta' Settembru | filgħaxija marċ u programm għall-Festa tal-Madonna tal-Grazzji Ħaż-Żabbar |
| 21 ta' Settembru | filgħaxija marċ u programm għall-Festa ta' San Leonardu Ħal Kirkop. |

# Kunċerti tal-Banda

Il-Kummissjoni Banda tavża li s-Surmast hejja numru ta' Kunċerti bi preparazjoni għall-Festa. Il-ġurnata li fiha jsiru l-Kunċerti normalment hija nhar ta' Tlieta, madankollu l-bandisti huma mħeġġin biex jiċċekkjaw iċ-ċirkolati li tintbagħtilhom sabiex jieħdu nota tal-Kunċerti.



# Lista tal-Membri tal-Kumitat

Il-membri tal-Kumitat u x-xogħol assenjat lilhom hija kif ġej:

| | |
|---|---|
| President | Charles Spiteri |
| Viċi President (responsabbli mill-banda) | Tony Borg |
| Viċi President (responsabbli mill-attivitajiet) | Mario Debono |
| Segretarju | Charles Saliba |
| Kaxxier | Vince Peresso |
| Direttur Ġenerali | Charles Borg |
| Assistent Segretarju | George Gatt |
| Assistent Kaxxier | Vince Gatt |
| Assistent Kaxxier u Direttur tal-Alljievi | Charles Spiteri |
| Arkivista | Alan Camilleri |
| PRO u Assistent Arkivista | Justin Formosa |
| Assistent Arkivista | Mario Zammit |
| Assistent Direttur Ġenerali | Bastjan Baldacchino |
| Assistent Direttur Ġenerali | Paul Borg |
| Membru | John Camilleri |
| Membru | Raymond Zahra |

Dettalji fuq il-Kummissjonijiet u l-membri li jiffurmawhom tistgħu ssibuhom fil-ktieb tal-festa.

Pubblikazzjoni tal-Festa – Il-Kumitat jixtieq jinforma li bħal snin oħra l-Pubblikazzjoni tal-Festa tibda titqassam minn nhar il-Ġimgħa 11 ta' Lulju (dak inhar tal-*get-together*). Infakkrukom li din il-pubblikazzjoni mhux ser tintbagħat bil-posta għalhekk kull min jixtieq kopja huwa mitlub li jiġborha personalment mill-każin, u jagħti donazzjoni.

Infakkru wkoll li pubblikazzjoni bħal din tiġi tiswa ħafna flus, għalhekk ikun apprezzat li wieħed ma jiħux kopji għalxejn.